# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Frar, 2019

**Rikors numru: 530/2018 JPG**

**Kawza numru: 14**

**SF**

**vs**

**PF**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' SF, datat 30 ta' Novembru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrenti u l-intimata zzewwgu fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija u tlieta u disghin (1993) (Dok. A), ilhom isseparati ghal iktar minn erba' (4) snin u permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Aquilina tat-tmienja (8) ta' Frar ta' l-elfejn u tmienja (2008) huma sseparaw legalment (Dok. B);*

*Illi huma irrinunzjaw ghad-dritt li jircievu l-manteniment minghand xulxin bl-iktar mod definittiv u assolut;*

*Illi minn dan iz-zwieg kellhom tlett ulied, M li twieldet fil-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u hamsa u disghin (1995); N li twieled fl-ghoxrin (20) tas-sena elf, disa'mija u disgha u disghin (1999) u Y li twieled fit-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001);*

*Illi m'hemmx prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;*

*Illi inoltre qed jigi anness affidavit tar-rikorrenti dwar il-konferma tal-fatti (Dok. C);*

*Illi r-rikorrenti tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Z;*

*Illi ghalhekk il-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti kollha imposti mil-ligi ghall-otteniement ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ir-rikorrenti ghalhekk umilment titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat u annotat fir-Registru Pubbliku.*

   *U b'digriet tat-28 ta' Jannar, 2019, tizdied it-tielet talba li ghandha tinqara :*

3. *"Li SF tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe' Z.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**Ir-rikorrenti SF** xehdet permezz t'affidavit a fol 17 u *viva voce* a fol 25 *et seqq.* illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Mejju 1993 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-8 ta' Frar 2008 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett

itfal, li llum il-gurnata, tnejn minnhom huma maggorenni, filwaqt illi l-izghar wahda, u cioe Y, ghandha sbatax – il sena. Xehdet illi m'hemm ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**L-intimat, PF** xehed a fol 13 *et seqq* u kkonferma u kkorobora x-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi wara z-zwieg taghhom tat-8 ta' Mejju, 1993 (Vide Dok A a fol 3) u illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 8 ta' Frar 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Aquilina, debitament awtorizzat mill-Qorti (Vide Dok B a fol 4), u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet waqt li l-hlas ta' maneniment ghat-tfal thallas puntwalment.

Il-Qorti rat illi jirrizulta inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, u wkoll tawtorizza lil SF sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubita u cioe Z u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**